**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 11 ta' Lulju 2017**

**Pulizija**

**Spettur Hubert Cini**

**Vs**

**Kenneth Cassar**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Kenneth Cassar, ta' 33 sena bin John u Josephine xebba Bugeja mwieled tal-Pieta' nhar it-2 t'Ottubru 1980 u residenti gewwa 41, Triq is-Sur, l-Isla w detentur tal-karta tal-identita' numru 470480M;

Talli fit-3 t'Awwissu 2014, gewwa Triq l-Isqajjaq, Hal Tarxien, Malta ghall-habta ta' bejn 04:00 hrs, u 04:45 hrs:

1) B'mezzi xort'ohra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament hassar, jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg ta' Anita Magro, mobbli jew immobbli billi kissrilha l-karozza numru tar-registrazzjoni GRC001 tal-ghamla Hyundai, ghal dannu ta' €531.33;

2) Akkuzat talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi kiser garanzija ghal sentejn imposta minnu mill-Qorti tal-Magistrati Malta nhar is-17 ta' Gunju 2013 mill-Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit LL.D.;

3) Akkuzat talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi kiser l-Artikolu 22 tal-Kap 446 impost fuqu ghal sentejn protection order Artikolu 412 impost nhar is-17 ta' Gunju 2013 mill-Qorti tal-Magistrati Malta, Magistrat Dr. Claire L. Stafrace LL.D.;

4) Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tinhareg ordni ta' protezzjoni fil-konfront t'Anita Magro ai termini tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9;

5) Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija titratta lill-imputat bhala sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta liema sentenzi kienu moghtija lil Kenneth Cassar li saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi mill-provi prodotti, jirrisulta li l-imputat u l-parte civile kellhom relazzjoni fil-passat, liema relazzjoni kienet spiccat fuq nota hazina bejniethom. Tul din ir-relazzjoni, kienet inxtrat vettura li giet registrata fuq isem il-parti leza, u darba minnhom l-imputat, b'rabja u frustrazzjoni ghas-sitwazzjoni bejniethom, ghamel hsara f'din l-istess vettura. Fuq il-fatti tal-kaz ftit li xejn hemm x'wiehed jiddelibera. Huwa evidenti li l-imputat ghandu jinstab hati, u li tali mgieba hija ghal kollox inaccettabbli. Il-Qorti, izda, giet informata li llum il-partijiet huma rikonciljati, u li l-imputat sab hafna aktar stabilita' fil-hajja tieghu. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 49, 50 u 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**